**Fil-Qorti tal-Appell Kriminali**

**Deciza 12/06/2020**
**Mag. Dr. A. Demicoli**
**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Roderick Attard)**
**vs**
[redacted]

**Rikors tal-appell ta' [redacted]**
**Jesponi bir-rispett;**

Illi l-esponent kien akkuzat bis-segwenti imputazzjonijiet:

1. Ikkommetta serq, liema serq jammonta ghall-madwar 80 Euro ghad-dannu ta' Miracle Foods Limited u/jew Christopher Darmanin u/jew persuni ohra;

2. Bil-hsieb li jikkommetti r-reat ta' serq semplici, wera dan il-hsieb b'atti esterni u li ta' bidu ghar-reat liema reat ma giex ikkunsmat minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

3. Saq Vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni ABP 287 tal-ghamla 'Renault Megane' minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskju ghall-terzi u dan bi ksur tal-artikolu 3(1) tal- Kap 104;

4. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura minghajr mal-licenzja 'circulation license' kienet mahruga minghajr awtorita' kompetenti jew mgedda ghas-sena kurrenti u dan bi ksur tar-regolamenti 3 tal-Ligi Sussidjarja 368.02;

5. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat nhar it-13 ta' April, 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr.Tonio Micallef Trigona LL.D li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jibqa gewwa l-fond fejn jirrisjedi bejn it-tmienja ta' filghaxija u tmienja ta' l-ghada filghodu (20:00- 08:00hrs) u cioe l-fond numru 1, Triq Xandru Farrugia, Zejtun.

6. Kiser il-kundizzjonijiet impost fuqu b'digriet datat nhar l-20 ta' Jannar, 2014 mill-Qorti tal-Magistrati ( Malta) Magistrat Dr.Anthony Vella LL.D li permezz tieghu, huwa nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jibqa gewwa l-fond fejn jirrisjedi bejn it-tmienja ta' fil-ghaxija u tmienja ta' l-ghada filghodu (20:00-08:00hrs) u cioe l-fond numru 1, Triq Xandru Farrugia, Zejtun;

7. Kiser il-kundizzjonijiet impost fuqu b'digriet datat nhar l-10 ta' Jannar, 2019 mill-Qorti tal-Magistrati ( Malta) Magistrat Dr.Audrey Demicoli LL.D li permezz tieghu, huwa nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jibqa gewwa l-fond fejn jirrisjedi bejn l-ghaxra ta' filghaxija u s-sebgha ta' filghodu (22:00-07:00hrs) u cioe l-fond numru 1, Triq Xandru Farrugia, Zejtun.

8. U aktar, talli nhar il-11 ta' Marzu, 2019 ghall-habta ta' 16:30hrs, f'vettura tal-ghamla 'Mitsubishi' bin-numru DAU 909 fiz-Zejtun, nstabu ghodod ohra tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta'serraturi minghajr ma ta' kont sodisfacenti ghal-liema skop legittimu nstabu ghandu, peress li gie kkundannat f'Malta ghal serq;

9. U aktar, talli nhar il-11 ta'Marzu, 2019 u fil-jiem ta' qabel fiz-Zejtun u/jew fil-Gzejjer Maltin, nstabu hwejjeg li naqsu lil Janica Schembri miz-Zabbar u ma gharraftx bih lil Pulizija Ezekuttiva fi zmien tliet ijiem.

Il- Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-riarrest tal-imsemmi Charles Farrugia, kif ukoll tordna t-tliet somom ta' hamest elef Ewro ( €5,000) bhala garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba titratta ma' Charles Farrugia bhala persuna recidiv ai termini tal-Art 49,50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif preseduta mill-Magistrat, liema sentenza saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Illi b'sentenza taghha tat-12 ta' Gunju, 2020, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi, l-esponent instab mhux hati tal-hames (5), tas-sitt ( 6), tas-seba' (7) u tad-disa' (9) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda sabitu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra (l-ewwel (1), it-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4)

u tat-tmien (8)) kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' tnax il-xahar prigunerija.

Illi inoltre, fid-dawl tas-sejbien ta' htija tat-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni, l-esponent kien skwalifikat milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) -il xahar minn dakinhar tas-sentenza.

Illi l-**fatti** fil-qosor kienu s-segwenti:

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'akkuzi relatati ma' serq, sewqan ta'vettura minghajr licenzja u mhux koperta b'assigurazzjoni dwar ir-riskju ghal terzi.

Nhar is-27 ta' Frar, 2019, fit-tlieta neqsin hamsa ta' filghodu (2.55a.m.) dahlet telefonata illi kien hemm l-alarm tal-Convenience Shop ta' Hal Ghaxaq qed iddoqq. Ix-xhud PC 1411 u PS 1042 meta waslu fi Vjal il-Labour, raw lill-imputat odjern li kien qieghed isuq il-vettura 'Renault Megane' ta' lewn blu u li kienet minghajr pjanci fid-direzzjoni opposta, b'velocita qawwija. X'hin waslu fuq il-post irrizulta, li kien hemm sgass fil-hanut indikat u l-kexxun tal-cash register kien nieqes.

Ix-xhud PC1411 mar fir-residenza tal-imputat u ra l-vettura pparkjata hazin quddiem il-garaxx, li kellha number plate nieqes u l-bonnett tal-karrozza kien ghadu jahraq.

Mix-xhieda tal- Ispettur Mario Xiberras irrizulta illi Christopher Darmanin, illi huwa impjegat bhala supervisor fil-Miracle Foods fi Vjal il-Labour Zejtun kien irraporta, li l-imputat kien seraq mill-hanut fi tlett okkazzjonijiet li jammontaw bejn €80 u €240. Mill-investigazzjoni li saret irrizulta li, fis- 26 ta' Jannar, 2019, l-imputat deher jiehu pakkett laham u jahbih taht il-gakketta hamra. Meta mar hdejn il-counter, hallas ghal prodott iehor u mhux ta' dak li kellu taht il-gakketta. Fl-1 ta' Frar, 2019, ghall- habta tal-hamsa neqsin kwart ta' filghaxija (4.45p.m.), l-imputat deher mis-CCTV ipoggi pakkett taht gakketta sewda. Il-Kaxxier Clayton Vella, kellmu u l-imputat pogga lura l-affarijiet f'posthom. Fis- 27 ta Frar 2019 dahal ir-rapport dwar il-Convenience shop li jinsab Hal- Ghaxaq u fl-istess gurnata sar rapport minn Yanika Schembri li kienet tilfet in-number plate ICA 953 tal- vettura BMW li nstab fil-vettura tal-imputat flimkien ma par ingwanti grizi, baqqun, ingwanti tal-lakstu, par kalzetti tan-nisa, basket b'4 turnaviti, block spanner, torch, lembut bil-pipe blue, drill u gakketta blue. waqt

tfittxija li saret fil-11 ta'Marzu 2019, Minn investigazzjoni li saret, irrizulta li r-'Renault Megane' li kien qed isuq l-imputat, kellha polza tal-assigurazzjoni skaduta fil-31 ta'Jannar, 2019.

Illi l-**aggravji** huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-ewwel qorti ma setghetx legalment u ragonevalment tasal ghas-sejbien ta' htija fuq l-ewwel imputazzjoni u dan stante illi min imkien ma tirrizulta il-prova skond kif rikjesta fil-kamp penali li s-serqa, fl-ewwel lok, saret fil-jum u l-hin indikat, u fit-tieni lok, lanqas ma jirrizulta sal-grad tal-konvinciment morali, li tali serqa giet ezegwita sat-tmiem taghha.

   Illi dan qieghed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

   a) Rigward id-data u l-hin, l-unika xhud huwa Christopher Darmanin (Fol 14/15), fejn dan ix-xhud sempliciment esebixxa filmat li allegatament jikkoncerna incident li qed jigi rekordjat fil-jum tas-26 ta' Jannar 2019, ghall-habta tas- sebgha neqsin ghaxra ta filghaxija (18:50pm).

      Illi jinghad pero, li min imkien ma jirrizulta min eleva dak il-filmat, kif gie elevat u meta gie elevat. Nafu biss, li gie dan Darmanin u waddab f'hogor il-Qorti CD. In oltre, mill-atti lanqas ma tezisti l-prova mill- liema apparat ittiehed dan il-footage u lanqas ma hemm prova dwar jekk d-data u l-hin li jirregistra dan l-apparat, jikkorispondu mad-data u l-hin meta jkun qieghed jigbed dana il-filmat.

      Illi bid-dovut rispett, din is-suppost prova hija totalment karenti mir-regoli bazici u tant salutarji fil-kamp penali tal-kontinwita tal-evidenza.

      Illi bid-dovut rispett, nieqsa ukoll il-prova ta x'inhu dan il-pakkett. Daqs tant iehor hija nieqsa il-prova, ta' xix hallas jew ta xix ma hallasx dakinhar li l-esponent kien fil-Miracle Foods. L-imputat seta' f'mument, iddecida li jqieghed il-pakkett lura f'wahda mill-ixkafef tal-istess stabiliment.

2) Illi bid-dovut rispett, abbazi ta dawn ir-rizultanzi, l-ewwel Qorti ukoll qatt ma setghet tasal sal-grad tal-konvinciment morali kif rikjest ghal htija tat-tieni imputazzjoni. Fuq din it-tieni imputazzjoni, il-prova tad-data u l-hin hija nieqsa ukoll. Ix-xhud Clayton Vella (Fol 16) ma jaghti l-ebda indikazzjoni, hlief li jaghmel referenza ghall-fatt li dan gara fil-bidu ta' Frar. Hawn ukollipprezenta ritratt li jinsab a folio 15A.L-istess ragunament li tressaq il-quddiem fl-ewwel aggravju rigwardanti d-data u l-hin u r-regola ta 'chain of evidence', japplika *mutatis mutandis* a fini ta' dan l-aggravju.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, ghall-ewwel zewg aggravji, il-piena fic-cirkustanzi kienet eccessiva, anke fid-dawl ta'dawk l-izviluppi recenti f'hajjet l-esponent.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija nhar it-12 ta' Gunju, 2020 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi, billi filwaqt li tikkonferma l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent mhux hati tal- hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tad-disa' (9) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkonferma ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-esponent hati tat-tielet (3), tar-raba'(4) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, thassar u tirrevoka l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u/jew, f'kaz li ma tilqax l-aggravji dwar il-mertu, tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena nflitta.

**Dr Joseph Giglio LL.D.**

*Rikorrent: Dar l-Impenn - Substance Misuse In-Patients Unit*

**Fil-Qorti tal-Appell Kriminali**

**Appell Nr: 95/2020**
**Diff: 27/10/2020 CSH**
**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Roderick Attard)**
**vs**
[redacted]

**Rikors ta'** [redacted]
**Jesponi bir-rispett;**

Illi l-esponent ipprezenta appell li jinkludi aggravji kemm fuq il-mertu ta' l-imputazzjonijiet li taghhom instab hati kif ukoll fuq il-piena imposta.

Illi r-reati li dwarhom l-esponent instab hati jikkoncernaw twettieq ta xi reat li ghalih l-piena ma teccediex s-seba' (7) snin prigunerija, tant illi l-imputazzjonijiet jaqaw fil-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali skond l-artiklu 370 (1) (b) tal-Kap 9 u lanqas ma huma imputazzjonijiet fost dawk imsemmija fl-artiklu 8 (2) (b) tal-Kap 537.

Illi, minghajr pregudizzju ghall-aggravji dwar il-mertu l-esponent qieghed jipprevalixxi ruhu minn dak dispost fl-Artiklu tmienja (8) tal-Kap 537.

Illi, in effetti prezenzjalment l-esponent jinsab ben integrat fi hdan programm ghar-rihabilitazzjoni tad-droga.

Ghaldaqstant l-esponent qiegħed jitlob lill-din Onorabbli Qorti jogoghba:

1) Tisma dawk ix-xhieda neccesarji sabiex tistabilixxi li huma sodisfatti il-kriterji stabiliti fl-Artiklu 8(2) (a) u (c) tal-Kap 537.
2) Tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga skond kif previst fl-Artiklu 8(1) tal-Kap 537.

.

**Dr.Joseph Giglio LL.D** **Dr.Roberta Bonello LL.D**